Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 28/2019

**George Cassar (appellant)**

**Vs**

**L-Awtorita' tal-Artijiet (appellata)**

16 ta' Diċembru, 2019.

1. L-attur appella mis-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tad-9 ta' Settembru, 2019 li biha ċaħdet l-appell mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita tal-Artijiet tas-26 ta' Frar, 2019 u li biha ċaħdet it-talba tal-attur, *"To excavate under existing kiosk and re-design kiosk to be used as a store at basement and kiosk at street level at Harmony Kiosk, Triq it-Trunċiera, San Pawl il-Baħar"*. Ir-raġuni li ngħatat għal dik id-deċiżjoni hi li, *".... t-titolu tal-applikant huwa ta' encroachment li l-kundizzjonijiet marbuta miegħu ma jippermettux dan l-iżvilupp u għalhekk għandha tiġi inizjata l-proċedura tat-trasferiment"*.

2. It-Tribunal irraġuna li:-

> *"Issa, pero`, l-kaz odjern ghandu punt li ma jistghax jigi injorat. L-Awtorita` intimata ssostni li hija ma tistghax tippermetti li jsir dan l-izvilupp stante li biex isir, l-okkupant irid ikollu titolu biex b'hekk ikun jista' jaghmel xogholijiet ta' natura permanenti hekk kif qieghed jitlob li jaghmel ir-rikorrent, inkluz skavar taht is-sit moghti b'encroachment. Kien ghalhekk li fl-istess decizjoni, r-rikorrent gie mistieden sabiex jibda "l-procedura tat-trasferiment." Illi ladarba tali zvilupp mhux kontemplat fil-ligi minn persuna li tiddetjeni biss sit b'encroachment, l-Awtorita` intimata ma tistghax taghlaq ghajnejha u taghti l-kunsens taghha ghall-istess ghaliex in effetti kieku dan isir l-Gvernaturi tal-Bord ikunu qeghdin iwettqu reat ai termini tal-artikolu 34 tal-Kapitlu 573 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar l-Artijiet tal-Gvern).....*
>
> *Għaldaqstant it-Tribunal, għalkemm huwa tal-fehma illi r-rikorrent kellu aspettativa leġittima wara n-no objection in principle tal-Awtorita' intimata datata 12 ta' Jannar 2018, ma jistax jannulla d-deċiżjoni appellata għas-sempliċi fatt li m'għandha xejn ultra vires jew irraġonevoli fiha.*
>
> *DEĊIDE.*

*Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Awtorita' intimata".*

3. L-aggravji tal-attur huma li:
   i. Id-deċiżjonii tal-Bord kellha titqies irraġonevoli tenut kont tal-importanza tan-*No Objection in Principle;*
   ii. Inapplikabbilita' tal-Artikolu 34 tal-Kap. 573;
   iii. Ksur ta' Aspettativa Leġittima kellu jwassal sabiex l-ispejjeż ikunu a karigu tal-Awtorita';

4. Il-konvenuta wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

5. **Fatti**.

5.1 L-attur għandu Harmony *Kiosk*, triq it-Trunċiera, San Pawl il-Baħar.

5.2 B'deċiżjoni tat-12 ta' Jannar, 2018 l-intimata tat lil Vincent Cremona ***'No Objection in Principle'*** għall-*'Renewal of approved PA2690/12 – To excavate under existing kiosk and re-design kiosk to be used as a store basement and kiosk at Harmony Kiosk, Triq it-Trunċiera, San Pawl il-Baħar'.*

5.3 Jidher li min-naħa tal-konvenuta mhemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li l-*kiosk* għadda għand l-attur mingħand Vincent Cremona. Fil-fatt l-istess konvenuta fid-dokument *'Board Memo – Application Report'* a fol. 83, irraportat lill-Bord tal-Gvernaturi li, *"However, it should be noted that the lease on encroachment terms has been transferred from Mr Vincent Cremona to Mr George Cassar via the LA Board's Consent (red 1D refers)".*

5.4 Skont *standard conditions* li ppreżentat il-konvenuta:

> *"1. The permit is granted as a concession and shall hold good during the pleasure of the Lands Authority.*

*2. The permit is issued in relation to a specific site as indicated in the permit letter. The grantee shall not encroach on land or air space outside the area granted by the permit letter.*
*a) The site shall be used exclusively for the placing thereon of a mobile kiosk to be bused for commercial purposes as approved in the relative Trading Licence.*
*b) The mobile kiosk shall not have an area of more than twenty (20) square metres or a height of more thant four (4) metres).*
*c) The grantee shall not store or place any kind of material on the roof of the mobile kiosk.*
*d) The grantee shall not make any changes on site except with the written consent of the Lanes Authority.......*
*5. The grantee shall not put on site fixtures of a permanent nature"*.

5.5 Fil-11 ta' Settembru, 2018 l-Awtorita tal-Ippjanar tat lil Vincent Cremona permess ta' żvilupp (101356/18), *"To excavate under existing kiosk and re design kiosk to be used as a store (basement) and kiosk"*.

5.6 Fid-9 ta' Jannar, 2019 l-attur talab permess sabiex jibda x-xogħlijiet. Ir-rakkomandazzjoni li saret minn uffiċjali tal-Awtorita lill-Bord tal-Gvernaturi kienet biex tintlaqa' l-applikazzjoni (fol. 83).

5.7 B'avviż tat-28 ta' Frar, 2019 il-konvenuta infurmat lill-attur li l-applikazzjoni tiegħu għall-*'Permission to Start Works'* kienet miċħuda mill-Bord tal-Gvernaturi permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Frar, 2019, ***"Peress li l-Bord innota li t-titolu tal-applikant huwa ta' encroachment li l-kundizzjonijiet marbuta miegħu ma jippermettux dan l-iżvilupp u għalhekk għandha tiġi inizjata l-proċedura tat-trasferiment"***.

**Konsiderazzjoni.**

6. M'hemmx kontestazzjoni li l-attur għandu *encroachment* fuq is-sit fejn hemm Harmony *Kiosk*. Skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573):

*"(H) Encroachment:*

*(i) Awtorita' kompetenti tista' tħalli persuna jokkupa art tal-Gvern b'encroachment għall-użu temporanju u speċifiku.*

(ii) *Meta l-awtorita' kompetenti tagħti l-jedd lil xi ħadd jokkupa art b'encroachment hija jkollha l-jedd li teħodha lura meta trid u għal liema raġuni trid u l-persuna li tkun tgawdi mill-encroachment trid trodd lura b'mod immedjat jew fid-data mitluba u l-awtorita' ma tkunx responsabbli għal ebda telf jew ħsara mġarrba minn dik il-persuna minħabba l-fatt li jkun ġie mitmum l-encroachment;*

(iii) *L-okkupazzjoni b'encroachment jista' jsir bi ħlas jew b'xejn, b'dana li f'kull każ l-encroachment ma jagħti l-ebda titolu lill-okkupant fuq dik l-art".*

7. Fil-każ in eżami l-Bord tal-Gvernaturi ma ddikjarax espressament il-kundizzjonijiet li ma jippermettux li jsir l-iżvilupp li preċedentement kien iddikjara li fil-prinċipju ma kellux oġġezzjoni li jsiru. Il-fatt waħdu li r-rikorrent għandu biss *encroachment* fuq is-sit fejn hemm il-*kiosk* 'Harmony' ma jfissirx li l-ebda xogħlijiet ma jistgħu jsiru fis-sit. Fid-deċiżjoni l-Bord tal-Gvernaturi m'għamel l-ebda riferenza għal xi disposizzjoni tal-liġi jew kondizzjoni partikolari mill-*istandard conditions*. L-istess jingħad fir-rigward tal-Awtorita' għal dak li qalet fit-tweġiba.

8. Skont l-*ispecial conditions*:-
   i. L-*encroachment* li jgawdi minnu l-attur hu dak ta' *mobile kiosk;*
   ii. L-attur ma jistax jagħmel *fixtures* of a *permanent nature;*

9. Fil-fehma tal-qorti, bini jikkwalifika wkoll bħala *permanent fixture*. L-attur irid li taħt il-*kiosk* jibni kamra sabiex tintuża bħala maħżen (ara pjanti tal-perit Hector Zammit).

10. Mill-pjanti li għamel il-perit Hector Zammit ma tantx jidher li l-*kiosk* ser ikun *mobile kiosk*.

11. Hi l-fehma tal-qorti li m'hemm xejn milli jżomm l-Awtorita tal-Artijiet milli tagħti l-kunsens tagħha sabiex min ikun ingħata encroachment jagħmel fuq is-sit xogħol. Fil-fatt paragrafu 2(3) tal-konċessjoni jipprovdi li: *"The grantee shall not make any changes on site except with the written consent of the Land's Authority"*.

12. Pero' dak li jrid jagħmel l-attur hu żvilupp taħt l-art. L-*encroachment* li ngħata l-attur hu spazju fuq wiċċ l-art sabiex fuqu jpoġġi ***mobile*** *kiosk* u xejn iktar. Għalhekk il-*kiosk* li suppost hemm hu li jista' jiċċaqlaq u mhux permanenti. Ma

ngħata l-ebda jedd fuq l-ispazju. *Encroachment* mhuwiex jedd reali u anzi l-liġi espressament tipprovdi li, *"**ma jagħti** __**l-ebda titolu**__ lill-okkupant fuq dik l-art"*.

13. Hu veru li l-istess Awtorita' tat lil Vincent Cremona n-*No Objection in Principle* sabiex iġedded il-permess PA2690/12 li jirreferi għat-tħaffir taħt il-*kiosk* sabiex isir maħżen. Madankollu dik l-awtorizazzjoni ngħatat dwar spazju taħt l-art li mhuwiex parti mill-*encroachment* li għandu l-attur. Il-qorti tkompli ssaħħaħ il-fehma tagħha bil-fatt li l-kondizzjonijiet jinkludu li, l-*mobile kiosk* ma jkunx ogħli iktar minn 4 metri u, *"c) The grantee shall not store or place any kind of material on the roof of the mobile kiosk"*. L-*encroachment* li għandu l-attur hu biss ta' spazju __**fuq**__ l-art b'kejl ta' għoxrin (20) metri kwadru u ogħli erba' (4) metri. Xejn iktar u xejn inqas.

14. Għaldaqstant, il-qorti tikkonkludi li d-deċiżjoni li ħa l-Bord tal-Gvernaturi fit-12 ta' Jannar, 2018 kienet *ultra vires* għaliex ta l-permess li jsir żvilupp f'*area* li ma kinitx taqa' fl-*encroachment* li ngħata l-attur. Deċiżjoni żbaljata li ma jista' jkollha l-ebda konsegwenza legali favur l-attur.

15. Għalhekk l-argumenti li għamel l-attur fl-ewwel u tieni aggravji huma mingħajr bażi. M'hemm xejn irraġjonevoli li Awtorita' tħassar deċiżjoni li qatt ma kellha tittieħed. Dan apparti li fid-deċiżjoni tat-12 ta' Jannar, 2018 in-nuqqas ta' oġġezzjoni ġiet kwalifikata bil-kliem ***'in principle'***. Għalhekk id-deċiżjoni tat-12 ta' Jannar, 2018 ma kinitx finali u l-attur tant kien jaf li applika sabiex jibda x-xogħol.

16. Għall-qorti hu evidenti li l-Awtorita' irrejalizzat li kien sar żball meta tat *No Objection in Principle*, u bid-deċiżjoni tas-26 ta' Frar, 2019 irrimedjat għal dak l-iżball. M'hemm xejn li jipprekludi lill-Awtorita' milli tħassar deċiżjoni preċedenti fejn jirriżulta li ħadet żball bħal dak. Dan apparti li d-deċiżjoni tat-12 ta' Jannar, 2018 ma kinitx deċiżjoni finali. Wieħed irid jiftakar ukoll li l-Awtorita' qegħda tamministra art pubblika u għalhekk ma kellhiex tieħu deċiżjoni li bis-saħħa tagħha tkun effettivament qegħda tagħti jedd fuq art pubblika meta l-*encroachment* ma kienx jinkludi dak l-ispazju.

17. Għalkemm il-qorti għandha riżervi tagħha dwar l-osservazzjoni li għamel it-Tribunal li l-konvenuta ma setgħetx tagħti l-kunsens, *".... għaliex in effetti kieku dan isir l-Gvernaturi tal-Bord ikunu qegħdin iwettqu reat ai termini tal-artikolu 34 tal-Kapitolu 473 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Artijiet tal-Gvern".* Madankollu ma jibdel xejn mill-konsiderazzjonijiet li l-qorti diġa għamlet.

18. Fir-rigward tat-tielet aggravju, il-qorti hi tal-fehma li l-fatt li l-attur ħareġ tellief fil-kawża it-Tribunal kellu jedd li jikkundannah iħallas l-ispejjeż. Dak hu l-prinċipju ġenerali, u l-qorti ma tarax li hemm raġunijiet daqstant gravi li jwassluha biex tibdel id-diskrezzjoni tat-Tribunal.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.**

Anthony Ellul.